*Art.39 (2) tal-Kostituzzjoni tal-Malta*

*Art 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea*

*Tribunal Imparzjali*

*Rikuza*

*Art 734 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

## MHALLEF

## ONOR.LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D.,M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Lulju 2017

**Kawza Numru: 1**
**RikorsKostituzzjonali Numru:75/2016/LSO**

**Avukat Dr Samuel Azzopardi (KI22982G)**

**vs**

**L-Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollu l-Onor Ministru Dr Anthony Refalo (ID 42556G)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr Samuel Azzopardi (K.I. 22982G) datat 1 ta' Awwissu 2016 fejn espona: -

Illi nhar it-28 ta' Gunju 2016, ir-rikorrenti ntavola proceduri ta' libell fl-ismijiet ***Avukat Dr Samuel Azzopardi v. Onor. Ministru Dr. Anton Refalo*** [Avv. Nru. 10/2016] fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex);

Illi l-kawza fuq imsemmija giet assenjata lill-Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri u l-ewwel seduta kienet nhar it-22 ta' Lulju 2016;

Illi propju fl-ewwel seduta saret talba mir-rikorrent sabiex il-Magistrat li kienet qed tippresjedi tirrikuza ruhha minhabba nuqqas ta' imparzjalita` sostanzjali impost sija mill-Kostituzzjoni ta'Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi l-punt kien ittrattat u gie vverbalizzat (*vide* vera kopja tal-verbal anness u mmarkat Dok A):

Illi l-kawza msemmija quddiem il-Qorti tal-Magistrati giet intavolata minn politiku ta' partit (ir-rikorrent) kontra politiku ta' partit iehor (l-konvenut Ministru) fuq kwistjoni li fiha nnifsha kienet hadet dimensjoni ta' kontroversja politika. Il-kawza giet assenjata lil Magistrat li propju ftitxhur qabel kienet attiva ferm fil-partit politiku tal-konvenut u li *di piu`*

kienet kandidata fl-ahhar elezzjoni generali mal-istess partit politiku (il-Partit Laburista) u allura kollegi kandidati t-tnejn li huma mal-istess partit politku (il-Partit Laburista);

Illi propju sitta u ghoxrin xahar qabel ma nhatret Magistrat, u cjoe` fl-20 ta' Jannar 2012,l-istess Magistrat Joanne Vella Cuschieri bhala kandidata gdida tal-Partit Laburista hadet sehem u indirizzat konferenza generali tal-Partit Laburista fejn fiha pubblikament iddikjarat kif minn dejjem trabbiet f' ambjent favur l-istess partit u li dakinnhar stess hassitha aktar minn qatt qabel konvinta tghid: "Viva l-Labour" *(Vide* Dok B) kif kienu ghallmuha l-genituri taghha;

Illi f' dawn ic-cirkostanzi r-rikorrent jinsab ferm aggravat illi kawza li fetah kontra politiku mill-kamp oppost fuq materja ta' kontroversja politika trid tigi deciza minn Magistrat li sal-ahhar elezzjoni generali kienet kollega tal-istess politiku konvenut;

Illi kien propju minhabba dawn ic-cirkostanzi li r-rikorrenttalab ghar-rikuza tal-Magistrat li kienet qed tippresjedi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u dan minhabba l-principju fundamentali tal-gustizzja naturali li **l-gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher li qed issir;**

Illi l-principju fundamentali fuq imsemmi kien il-bazi ta' ghexieren ta' sentenzi kemm mill-Qrati Maltin kif ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiettal-Bniedem li sahqu li l-imparzjalita`ta' gudikanttigi analizzata mhux biss abbazi ta' kunsiderazzjonijiet oggettivi izda wkoll soggettivi;

Illi llum huwa accertat illi l-astensjoni u r-rikuza ta' gudikant ma tiddipendiex biss mill-kazijiet imsemmija fl-Art.734 tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili, imma hija indispensabbli f’kull kaz meta jista' jidher dubju fuq l-imparzjalita' tal-gudikant. Il-kazi kontemplati fl-imsemmi Art. 734 jissodisfaw il-htigijiettal-procedura civili, imma ma jissodisfawx l-ezigenzi usa tal-imparzjalita' rikjesti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiettal-Bniedem;

Illi l-konkluzjoni komuni ta' dawn is-sentenzi hi li jekk jezistu fatti li jistghu jpoggu dubju fuq l-imparzjalita` ta' gudikant, **u b'hekk anke jekk ikun hemm biss apparenza ta' parzjalita`,** huwa necessarju li l-istess gudikant jirrikuza ruhu sabiex tibqa' mhux mittiefsa l-fiducja tas-socjeta` fis-sistema gudizzjarju;

Illi tenut kont tal-gurisprudenza konsistenti u c-cirkostanzi partikolari tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), huwa manifestament car li huwa fl-ahjar interess tal-gustizzja li l-Magistrat Joanne Vella Cuschieri tirrikuza ruhha mill-istess proceduri;

Illil-osservazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2016 li kienet hadet gurament ta' indipendenza u imparzjalita`, li dejjem imxiet b'dan il-mod u assigurat li qatt ma kienet ser timxi mod iehor fil-kaz in kwistjoni jew kwalsiasi kaz iehor **b'ebda mod ma tindirizza l-ilment tar-rikorrent li l-gustizzja mhux biss issir izda li tidher li qed issir;**

Illi r-rikorrent ma jistax ma josservax ukoll li l-mistoqsija minn fuq it-tribuna tal-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Joanne Vella Cuschieri fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2016 fejn staqsiet lir-rikorrent jekk kenitx issir talba ghal rikuza wkoll li kieku l-kawza dehret quddiem il-Magistrat Paul Coppini li kien kandidat tal-Partit Nazzjonalista (tletin sena qabel) jittradixxi n-nuqqas ta' imparzjalita` sostanzjali li ghandu jkollha l-Qorti u kkonferma l-element politiku partiggjan u tribalizmu politiku li fih innifsu jippregudika l-principju kardinali li l-gustizzja trid tidher li qed issir;

Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, ir-rikorrent jemmen bis-shih li jekk il-kawza msemmija tibqa' tinstema' mill-Magistrat Joanne Vella Cuschieri, l-istess kawza tkun nieqsa mill-element krucjali ta' smigh xieraq illi l-gudikant ikun imparzjali u indipendenti mill-partijiet, hekk kif protett taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant u *in vista* tas-suespost, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi bid-decizjoni taghha ta' nhar it-22 ta' Lulju 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kif presjeduta meta ma rrikuzatx ruhha fil-kawza ***Avukat Dr Samuel Azzopardi v. Onor. Ministru Dr. Anton Refalo*** [Avv. Nru. 10/2016], l-istess Qortital-Magistrati (Ghawdex) kisret jew x'aktarx ser tikser id-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Thassar id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-22 ta' Lulju 2016 hawn fuq imsemmija u tordna li l-kawza ***Avukat Dr Samuel Azzopardi v. Onor. Ministru Dr Anton Refalo*** [Avv. Nru. 10/2016] tigi assenjata Magistrat iehor sabiex titkompla l-istess kawza;

3. Tillikwida kumpens ghad-danni sofferti mir-rikorrent ghal ksur jew probabbli ksur tad-dritt fundamentali tieghu ta' smigh xieraq;

4. Tordna lill-intimati ihallsu l-kumpens hekk likwidat;

5. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq,jew tizgura t-twettiq tad-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent.

Bl-ispejjez.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2016.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 18 ta’ Awwissu 2016 a fol 18 tal-process fejn espona:

Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija ta' allegazzjoni ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress li *"ir-rikorrent jemmen bis-shih li jekk il-kawza msemmija tibqa' tinstema' mill-Magistrat Joanne Vella Cuschieri, l-istess kawza tkun*

*nieqsa mill-element krucjali ta' smigh xieraq illi l-gudikant ikun imparzjali u indipendenti mill-partijiet".*

Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi *in linea* preliminari, l-esponenti jemmen li l-azzjoni tar-rikorrenti hija ghal kollox intempestiva. Dan ghaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet *Darren Aquilina vs Onorevoli Prim Ministru et* deciza fil-31 ta' Mejju 2013, ladarba f' dan il-kaz il-process li minnu qed jilmenta r-rikorrenti ghadu mhuwiex mitmum, ir-rikorrenti ma jistax jallega li ser jigi zvantaggjat waqt is-smigh tal-kawza tieghu. Jigi b'hekk, li f' dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li l-ilment tar-rikorrenti jigi diskuss u trattat *in vacuo* u b'hekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha. Illi f' dan il-kuntest huwa stabbilit anke f' gurisprudenza konsistenti, li biex tinsab lezjoni tas-smigh xieraq kif imhares taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa mehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fil-kumpless kollu tieghu. Isegwi ghalhekk li l-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq imqanqal mir-rikorrenti jista' jigi biss ezaminat ladarba l-kawza tigi konkluza;

2. Illi in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jigi

garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli, u jinstemgha minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi. L-artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta jmur *oltre* meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali sabiex jovvjaw ghal kull periklu ta' ntralc ta' smigh xieraq liema salvagwardji jigarantixxu process xieraq u smigh gust.

3. Illi r-rikorrenti qieghed jaccetta li fil-kaz odjern ma hemm l-ebda lok ghal rikuza skont id-dispozizzjonijiet li jirregolaw ir-rikuza ta' gudikant fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) madankollu jallega li l-gudikant li qed tisma' l-proceduri ta' libell fl-ismijiet *"Avukat Dr Samuel Azzopardi vs Onor Ministru Dr Anton Refalo"* (Avviz Numru 10/2016) mhijiex imparzjali. L-esponenti jirribatti li l-kuncett ta' imparzjalita' suggettiva u/jew oggettiva ta' gudikant ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' parti f’ kawza: certament li tali opinjoni mhijiex deciziva izda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalita' tkun gustifikata b'mod oggettiv. Dan ifisser li huwa necessarju li jkun hemm dubju legittimu dwar l-imparzjalita' suggettiva u/jew oggettiva ta’gudikant naxxenti minn fatti u dan peress li l-gudikant huwa dejjem prezunt li huwa imparzjali.

Illi dak li qed jigi allegat fir-rikors promotur huwa li l-Magistrat sedenti fil-proceduri ta' libell kienet kandidata f’

elezzjoni generali ta' partit politiku li huwal-istess partit politiku li ghalih jappartjeni l-intimat fil-proceduri ta' libell. L-esponenti jirrileva li l-fatt fih innifsu li f’ perjodu qabel ma persuna ssir gudikant tkun intiza f’ xi attivita' partikolari bl-ebda mod ma jista' jigi nterpretat li dan ghandu jwassal ghall-parzjalita' ta' dak il-gudikant. Illi galadarba persuna tigi mahtura bhala gudikant dik il-persuna hija prezunta li hija imparzjali u li bhala gudikant hija munita bil-garanziji kollha mehtiega sabiex tassigura s-smigh xieraq.

4. Illi certament li l-ebda dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma huma mittiefsa bic-cahda tat-talba ghar-rikuza tal-Magistrat sedenti. Illi dak li rrizulta fl-istadju li waslu fihom il-proceduri ta' libell huwa li l-*istandards* ta' gustizzja li huma vitali ghall-ezistenza ta' *rule of law* gew milhuqa. Illi jidher evidenti li r-rikorrenti nghata l-opportunita' li jaghmel l-oggezzjoni li hass li kellu jaghmel kif jirrizulta mill-verbal tat-22 ta' Lulju 2016. Illi l-Magistrat sedenti semghet tali oggezzjoni u tat l-pronunzjament motivat taghha u dan kif inhu rikjest mill-kariga ta' gudikant. Illi jidher ghalhekk li d-dritt ta' smigh xieraq qed jigi rispettat mill-Magistrat sedenti u dan in konformita` ma’ dak li huwa rikjest mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

6. Bl-ispejjez

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Ministru l-Avukat Anthony *sive* Anton Refalo [ID. No. 42556G]datata 23 ta' Awwissu 2016 a fol 23 tal-process fejn espona:

1. Illi f'din il-kawza odjerna r-rikorrenti qieghed jitlob lill-Onorabbli Qorti li hija tiddikjara li bid-decizjoni taghha tat-22 ta' Lulju 2016 fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dr Samuel Azzopardi vs Onor. Ministru Dr Anton Refalo [Avviz Nru. 10/2016], il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kisret jew x'aktarx ser tikser id-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent [l-Avukat Samuel Azzopardi] hekk kif sancit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

In sostenn ta' din it-talba, ir-rikorrenti l-Avukat Azzopardi qal li fl-ewwel seduta fil-kawza hawn appena msemmija kienet saret talba ghar-rikuza tal-gudikant sedenti, l-Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri *"minhabba nuqqas ta' imparzjalita` sostanzjali impost sija mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem"'.* Kompla jghid li l-kawza ta' libell, li saret minnu (u li huwa politiku li jimmilita fil-Partit Nazzjonalista) saret kontra l-esponenti (li huwa Ministru fil-Gvern prezenti u allura jimmilita fil-Partit Laburista). Il-kawza hawn imsemmija *"giet assenjata 'lMagistrat li proprju ftit xhur qabel kienet attiva ferm fil-partit politiku tal-konvenut u li di piu` kienet kandidata fl-ahhar elezzjoni generali mal-istess partit politiku (il-Partit Laburista) u allura kollegi kandidati t-tnejn li huma mal-istess partit politiku (il-Partit Laburista)".*

Illi l-istess rikorrenti jkompli jzid fid-doza tieghu ghala l-Onorabbli Qorti prezenti ghandha tiddikjara li kien hemm jew x'aktarx ser ikun hemm ksur tad-drittijiet tieghu ta' smigh xieraq billi ccitta dak li kienet qalet il-Magistrat Dr Vella Cuschieri meta kienet indirizzat l-Konferenza Generali tal-Partit Laburista u hemm qalet il-kliem *"Viva l-Labour".*

Ghalhekk, mghadud dan kollu, ir-rikorrenti kien bezghan bis-sitwazzjoni u kien ghalhekk li talab ir-rikuza tal-Magistrat Dr Vella Cuschieri "u*dan minhabba l-principju fundamentali tal-gustizzja naturali li l-gustizzja mhux biss trid issir izda trid tidher li qed issir".*

Filwaqt li jidher li r-rikorrenti ammetta li ma kienx hemm ragunijiet fl-artikolu 734 tal-Kapitolu 12 biex il-Magistrat Dr Vella Cuschieri tastjeni milli tkompli tisma'l-kaz, huwa qal li *"il-kazi kontemplati fl-imsemmi art. 734 jissodisfaw l-htigijiet tal-procedura civili, imma ma jissodisfawx l-ezigenzi usa tal-imparzjalita` rikjesti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem".*

Ir-rikorrenti, minn qari tar-rikors tieghu jishaq li l-*"gustizzja trid tidher li qed issir"'.*

2. L-ewwel u qabel kollox ghandu jinghadd li huwa d-dmir ta' kull gudikant li jisma' u jaqta' kull kawza li titressaq quddiemu. B'eccezzjoni mbaghad, jaf ikun hemm ragunijiet li ghalihom gudikant jista' jigi rikuzat milli jkompli jisma' kawza u dawn ir-ragunijiet huma dawk imsemmija fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (ex. Art. 734).

F'kazijiet eccezzjonali, jista’ jkun hemm ragunijiet ohrajn serji li jwasslu bhala xierqa u f’ posthom tali astenzjoni jew rikuza u dan sabiex jithares il-jedd ta' smigh xieraq ta' xi wahda mill-partijiet fil-kawza li jkun hemm quddiemha. Kif inhu risaput, l-istitut tar-rikuza jew l-astensjoni huwa mahsub biex ihares l-ahjar interessi tal-gustizzja, b'mod partikolari f’ dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigh xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tishih tal-fiducja pubblika fl-amministrazzjoni tal-gustizzja.

3. Il-fatt li Qorti thaddan fehma partikolari ma jfissirx b'daqshekk biss li hija ntrabtet biex ma tqisx b'mod imparzjali jew skont l-aggornamenti interpretattivi gudizzjarji l-provi u s-sottomissjonijiet li jkunu jridu jsirulha matul is-smigh kollu tal-kawza. Biex raguni twassal ghall-astensjoni jew ghar-rikuza ta' gudikant din trid tkun wahda konkreta u mhux biss misthajla. Il-ligi ma tridx li, semplicement ghax parti jew ohra f’ kawza thoss jew jidhrilha li gudikant jista’ jkun parzjali, allura dak il-gudikant ghandu ma jiehux konjizzjoni ta' dik il-kawza. Apparti l-obbligu li l-ligi timponi fuq il-gudikant li joqghod f’ kull kawza li tigi lilu assenjata skont il-ligi u li jastjeni jew jilqa’l-eccezzjoni tar-rikuza fil-kazijiet biss fejn ikun <u>legalment</u> gustifikat li huwa ma jkomplix jiehu konjizzjoni ta' dik il-kawza, mhux kull hsieb ta' parzjalita` li jista’ talvolta jghaddi minn mohh parti jew ohra, jista’ jinghad li huwa oggettivament gustifikat. It-test oggettiv ta' l-imparzjalita`, anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedemjirrikjedi li jkun hemm bazi oggettivament riskontrabbli.

4. Illi ghalhekk, mehud kollox in konsiderazzjoni, l-esponenti ma jistax jaqbel ma’ dak sottomess mir-rikorrenti fir-rikors tieghu fejn talab lil Onorabbli Qorti prezenti sabiex tiddikjara li kien hemm lezjoni jew x'aktarx kienu ser jigu lezi d-drittijiet fundamentali tieghu bil-fatt li l-Magistrat Dr Vella Cuschieri kienet ser tibqa’ tisma’l-kaz tieghu, kif wara kollox hija obbligata li taghmel bil-ligi. Fuq kollox, dan ir-rikors jekk xejn huwa wiehed intempestiv l-ghaliex l-allegazzjoni ta smigh xieraq trid tittiehed fit-totalita` tal-process gudizzjarju, fatt li sa issa ghad ma hemmx, ‘lghaliex ghadhom ma bdewx jinstemghu provi dwar il-kawza li hemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

5. Kif diga inghad, l-esponenti jifhem li r-rikorrenti ma huwiex jilmenta minn nuqqas li l-kaz tieghu ser idum biex jigi deciz jew li ser jigi deciz minn Qorti li ma hijiex indipendenti. L-ilment tieghu huwa li *l-"gustizzja mhux biss issir izda li tidher li qed issir"* (ara paragrafi 8 u 13 tar-rikors promotur) u allura jattakka l-aspett ta' l-imparzjalita`. L-esponenti huwa tal-fehma li l-biza li r-rikorrenti donnu qieghed jghidli ghandu fil-gudikant li sejjer jisma’ l-kawza ta' libell li huwa ghamel kontra l-esponenti ma hijiex oggettivament gustifikabbli. Meta persuna tinhatar bhala gudikant hija tkun prezunta imparzjali u li hija munita bil-garanziji kollha mehtiega sabiex tassigura s-smigh xieraq.

6. Jinghad ukoll li ma gie bl-ebda mod ippruvat li l-konvinzjonijiet politici tal-gudikant, f’dan il-kaz il-Magistrat Dr Vella Cuschieri b'xi mod affettwaw jew sejrin jaffettwaw il-process gudizzjarju li ghadu fil-bidu tieghu. Ghalhekk

inghad fil-bidu ta' din ir-risposta li dan ir-rikors huwa wiehed intempestiv. Huwa dritt inaljenabbli ta' kull gudikant li huwa jhaddan fehmiet politici anke differenti minn tal-persuni li jidhru quddiemu sabiex huwa jghaddi l-gudizzju tieghu u jaghmel haqq ma' minn mill-partijiet ikollu jedd ghalih. Huwa assurd li naslu ghal punt li nghidu li ghaliex gudikant huwa ta' fehma politika differenti minn ta' persuna li qieghed jidher quddiemu allura dak il-gudikant ma huwiex imparzjali. Il-kaz li hemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) huwa bejn zewg politici li gejjin mill-kamp oppost. Jekk jasal biex jigi accettat l-argument tar-rikorrenti, fil-kaz taghhom ma jista' qatt ikun hemm gudikant li jista' jiddeciedi l-kaz 'lghaliex jew wiehed jew l-iehor ser jghid li huwa ghandu l-biza li l-kaz tieghu qieghed jigi deciz minn gudikant li ghandu fehmiet politici opposti ghalih. Ovvjament hemm permutazzjonijiet ohra bhal meta avukat li jkun qieghed jirrapprezenta lil parti f' kawza jkun ta' fehma differenti minn tal-patrocinat tieghu u minn tal-gudikant in kwistjoni. X'jigri f'dan il-kaz? Jitbiddel il-gudikant? Ghalhekk dak li qieghed jitlob ir-rikorrenti ma ghandux mis-sewwa la fattwalment u lanqas legalment. Jerga' jigi ribadit li r-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) sabiex juri li l-gudikant in kwistjoni u cioe` l-Magistrat Dr Vella Cuschieri hija b'xi mod parzjali. Jishaq biss fuq l-apparenza u kif inhu risaput, fil-Qrati huma l-provi li ghandhom iwasslu lill-gudikant sabiex jiddeciedi fuq kaz partikolari u mhux l-apparenzi.

7. Illi ghalhekk ukoll, l-Onorabbli Qorti hija mitluba li tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha lilha moghtija mill-

Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan il-kaz.

8. Illi ghar-rigward tat-talbiet l-ohra, dawn ukoll huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati. F'kull kaz, *dato ma non concesso* li l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, tali dikjarazzjoni tkun sodisfacenti u ma jkunx il-kaz li jigi likwidat xi tip ta' kumpens.

9. Salvi risposti ulterjuri permessi mil-ligi kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

10. Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Avukat Dr.Samuel Azzopardi datata 13 ta' Frar 2017 a fol 61 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-Onor Ministru Avukat Anthony *sive* Anton Refalo datata 28 ta' Frar 2017 a fol 76 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata 10 ta' Marzu 2017 a fol 82 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 14 ta' Marzu 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet Dr Julian Farrugia u Dr Jason Azzopardi ghar-rikorrenti, Dr Christian Falzon Scerri ghall-Avukat General, u Dr Vincent Galea ghall-Ministru intimat.Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata

fuq is-sistema eletronika.Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-23 ta’ Mejju 2017 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tat-23 ta’ Mejju 2017 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Lulju 2017.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent qed jitlob harsien u rimedju oportun *stante* allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, ('il quddiem imsejjah 'Il-Kostituzzjoni’) u l**-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta)** ('l quddiem imsejha 'Il-Konvenzjoni'). Hu qed jsostni li bid-decizjoni taghha tat-22 ta' Lulju 2016 fil-kawza fl-ismijiet Avukat Dr Samuel Azzopardi vs Onor. Ministru Dr Anton Refalo [Avviz Nru. 10/2016], il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kif presjeduta mill-On. Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri kisret jew x'aktarx ser tikser id-dritt ta' smigh xieraq tieghu kif hekk sancit.

Fis-sustanza r-rikorrent qed isostni li l-vertenza pendenti quddiem l-On.Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri, ex-kandidata fi hdan il-Partit Laburista, li tirrigwarda libell istitwit minn politiku ta' partit (ir-rikorrent li jimmilita fil-Partit Nazzjonalista) kontra politiku ta' partit iehor (l-intimat Dr Anton Refalo li kien Ministru fil-Gvern precedenti u allura jimmilita fil-Partit Laburista), ghandha dimensjoni politika.

Inoltre l-libell twieled minn stqarrija Ministerjali li ghamel l-istess intimat. Ir-rikorrent ghaldaqstant isostni li l-konkorrenza ta' diversi fatturi ta' xejra politika fl-assjem taghhom ghandhom iwasslu ghall-konkluzjoni li l-kaz ma jistax jitkompla jinstema' mill-Magistrat imsemmija billi dan iwassal jew x'aktarx iwassal ghall-ksur tal-principju kostituzzjonali u konvenzjonali li l-gustizzja *mhux biss trid issir izda trid tidher li qed issir*.

Illi l-Avukat Generali oppona ghat-talbiet u eccepixxa fl-ewwel lok l-intempestivita' tat-talba; u li jezistu garanziji bizzejjed fil-ligi nostrali biex jiggarantixxu process xieraq u smigh gust, oltre eccezzjonijiet fil-mertu.

Illi l-intimat l-Avukat Dottor Anton Refalo ssolleva l-intempestivita' tat-talba oltre eccezzjonijiet ohra fil-mertu.

**Osservazzjonijiet Preliminari**

Din il-Qorti trid tibda biex tiehu konjizzjoni gudizzjarja ta' fatt inkonfutabbli li nghixu f'pajjiz politikament polarizzat u maqsum bejn iz-zewg partiti politici ewlenija - il-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista. Ikun zball, izda, jekk dan il-partiggjanizmu jigi pproggettat *in abstracto* fuq il-Qrati tal-Gustizzja ghaliex il-kejl tal-imparzjalita' ta' gudikant ma jsirx abbazi tal-opinjoni personali tieghu, imma abbazi tal-mod kif jaqdi l-Kostituzzjoni u tas-saltna tad-dritt.

Ghalkemm il-Qrati ma joperawx f'vacuum, b'hekk ma jfissirx li ghandhom jitnuzzlu ghal-livell tal-partiggjanizmu politiku izda, anzi, huwa doveruz ghalihom, li jintrefghu 'il hinn minn dawn il-konsiderazzjonijiet u li s-socjeta' thares

lejhom bhala 'l fuq minn dawn il-konsiderazzjonijiet. B'konsegwenza ta' dan, dak li jippercepixxi parti f'kawza, ma jfissirx necessarjament li hemm parzjalita' fil-gudikant fis-sens oggettiv kif trid il-ligi.

**Provi**

Illi l-fatti mhuwiex ikkontestati. Il-Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri kienet kandidata politika ghall-Partit Laburista fl-Elezzjoni Generali tal-2013[1]. Lanqas mhu kkontestat li qalet il-kliem lilha addebitati meta indirizzat il-Konferenza Generali tal-Partit fl-20 ta' Jannar 2012 bhala kandidata tal-Partit. Il-kliem li gew traskritti(fol 10) huma s-segwenti:

"*Naghlaq billi nghid dak illi dejjem qaluli minn qalbhom ommi u missieri meta kont zghira u ghadhom sal-lum. Illum nghidha ghaliex verament nemmen dak li ha nghid: Viva l-Labour."*

Illi fit-28 ta' Gunju 2016 r-rikorrent odjernipprezenta Avviz ta' libell kontra l-intimat l-Av.Dr. Anton Refalo fit-termini tal-Kap, 248 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li allega li gie mmalafamat u libellat bi Stqarrija (Ministerjali) ghall-Istampa datat l-24 ta' April 2016 mahruga mill-istess intimat fejn gie attakkat fir-reputazzjoni u fl-unur tieghu u espost ghar-redikolu.

Illi din l-Istqarrija hija esebita a fol 30 tal-Process fejn hemm riferenza ghall-"*kaz ta' Sindku tal-PN f'Ghawdex li*

[1] Ara verbal tal-11 ta' Ottubru 2016.

*nqabad f'habta u li allegatament kien taht influwenza ta' sustanzi."*

Meta deher quddiem il-Magistrat Dr. Joanne Vella Cuschieri fit-22 ta' Lulju 2016, ir-rikorrent tramite d-difensuri tieghu, talbu r-rikuza tal-Magistrat ghar-ragunijiet spjegati fil-verbal (fol 32) u cio'e` "*minhabba li ma jistax jigi sodisfatt il-kriterju ta' imparzjalita' sostanzjali impost sija mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea...".*

Huma ssottemettew li l-kaz jittratta kawza ta' libell maghmula minn politiku appartenenti ghall-partit wiehed kontra politiku appartenenti ghall-partit avversarju quddiem qorti presjeduta minn Magistrat li sa ftit zmien ilu kienet attiva fil-partit politiku tal-konvenut.

Fil-verbal ta' dik l-udjenza "*Il-Qorti staqsiet lil Dr Jason Azzopardi li kieku din il-kawza giet assenjata quddiem il-Magistrat Paul Coppini li kien kandidat tal-partit nazzjonalista qabel ma kien magistrat u kinitx ser issir l-istess talba, jirrispondi li le."*

Il-Qorti ivverbalizzat id-decizjoni taghha hekk:

"*Tirrileva li fis-26 ta' Marzu 2014 hija hadet gurament ta' indipendenza u imparzjalita' fil-posizzjoni taghha ta' Magistrat u minn dakinhar dejjem ezercitat u mxiet ma' dan il-gurament li hadet anke fid-deher dejjem imxiet b'dan il-mod u zgur mhix ser tagixxi bi ksur ta' l-istess gurament f'dan il-kaz partikolari u f'ebda kaz iehor li jigi quddiemha.*

*Stante li ma jezistux ragunijiet validi fil-Ligi.*

*Tichad it-talba."*

Illi jirrizulta wkoll li ma saret l-ebda allegazzjoni jew ombra ta' dubbju fuq il-kapacita' tal-Magistrat sedenti mill-kontendenti kollha, u lanqas hemm xi allegazzjoni jew xejra ku hi zammet xi rabtiet mal-Partit Laburista wara li hadet il-guramenti tal-hatra taghha.

Illi r-rikorrent **Dr. Samuel Azzopardi** xehed b'affidavit (fol 57) fejn spjega li ma jikkunsidrax li kull min hu involut fil-politika m'ghandux ikun gudikant f'kaz tieghu ghaliex difatti l-proceduri li ttiehdu kontrih mill-Pulizija instemghu u gew decizi mill-On.Magistrat Dr. Joseph Mifsud. Fil-kaz odjern hass li minhabba l-konnotati politici tal-kaz kif spjegati kif ukoll il-kumment spontaneju tal-istess Magistrat fil-konfront tal-Magistrat Paul Coppini mhuwiex ser ikollu smigh xieraq.

**Trattazzjoni**

Illi fit-trattazzjoni, r-rikorrent sostna tramite d-difensuri tieghu, li kien hemm dell politiku fuq il-Magistrat sedenti li sa ftit qabel ma hadet il-hatra kienet kandidata politika. Ghalhekk jghid li hemm differenza bejn opinjoni politika u li wiehed jghix f'hajja politika. Sahaq fuq il-prossimita' fiz-zmien (qasir) bejn il-kandidatura politika u l-hatra tal-gudikant u l-prossimita' taghha fil-hajja politika mal-intimat. Kienet kandidata fl-istess distrett mal-intimat, it-tnejn kollegi fil-politika u kienu jimmilitaw kontra l-partit tar-rikorrent, u li issa, biss sena wara, dan deher quddiemha biex

tiggudikalu kwistjoni ta' libell fejn jghid li gie libellat mill-Ministru Refalo. Il-biza tar-rikorrent hu dovut ghall-materja politika tal-kaz mentri f'kaz iehor minghajr konnotati politici li kellu u li gie deciz mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud, ma kellux l-istess riservi. Inoltre r-rikorrent argumenta li l-kumment tal-Magistrat fis-seduta dwar il-Magistrat Paul Coppini huwa wkoll indikazzjoni ta' parzjalita' anke soggettiva b'zieda mal-fatturi l-ohra, ghaliex b'dak il-kumment il-gudikant kienet qed tghaddi kumment politikament partiggjan.

Qal ukoll li l-fatt li wiehed jiehu gurament ma jfissirx li hemm id-derha ta' l-imparzjalita` oggettiva ghalhiex kieku ma jkunx hemm sentenzi tal-Qorti Ewropea fejn sabu tali imparzjalita'.

L-intimat Dr. Anton Refalo, tramite d-difensur tieghu, ssottometta li kien hemm diversi gudikanti li hargu mill-hajja politika u li kellhom konvinzjoni politika u opinjonijiet politici taghhom. Madanakollu sahaq li minn dakinhar tal-gurament gudikant jitqies indipendenti u imparzjali.

L-Avukat Generali indirizza l-eccezzjoni tal-intempestivita' tal-proceduri odjerni u ssottometta li huwa l-ahjar ghazla li wiehed jistenna l-ezitu tal-process kollu biex jgharbel jekk ir-rikorrent inghatax is-smigh xieraq. *Multo magis* meta hemm dritt ta' appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kemm fuq punt ta' fatt kif ukoll fuq punt ta' Ligi.

Fil-mertu ghamel referenza ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u tal-Qorti Kostituzzjonali rispettivament fil-kawzi

ta’ **Micallef vs Malta** u ta’ **Lawrence Grech vs Avukat Generali** u ssottometta li hemm distinzjoni netta bejn il-fattispecie ta' dawn il-kazi u l-kaz odjern. Fil-kaz ta’ **Micallef vs Malta** c-censura li tat il-Qorti Ewropea kienet dwar il-fatt li bejn il-gudikant u wiehed mill-avukati li kien qed jippatrocinja wiehed mill-kontendenti kien hemm rabtiet ta' konsangwinita'. Fil-kaz ta' Lawrence Grech il-Qorti Kostituzzjonali sabet ksur minhabba li l-Imhallef sedenti kien ghadu involut f'organzizazzjoni religjuza u li kieku allura ma kienx ghadu involut kienet tispicca d-dehra ta' parzjalita'. F’ dan il-kaz partikolari il-Magistrat Vella Cuschieri qatghet il-kuntatti u r-rabtiet li hija kellha mal-Partit Laburista.

Ghar-rigward tal-aspett tal-percezzjoni, argumenta li gudikant jista' ihaddan twemmin politiku anke jekk ma kienx kandidat politiku. Wiehed irid jaghti fiducja li meta gudikant qed jippresjedi f’ kawza huwa ser ikun oggettiv u ha jzomm mad-doveri tieghu u mal-guramenti.

**ECCEZZJONIJIET SOLLEVATI - INTEMPESTIVITA'**

Illi l-intimati eccipew l-intempestivita' tat-talbiet odjerni fil-kuntest **tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** u **tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni** billi hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li l-Qorti tinvestiga l-proceduri fl-assjem taghhom.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Victor Lanzon et v Kummissarju tal-Pulizija** (Q.Kost. dec.fid-29 ta' Novembru 2004). "*Huwa principju accettat kemm fil-*

*gurisprudenza ta' Strasbourg*[2] *kif ukoll f'dik ta' din il-Qorti*[3] *li, biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smigh xieraq wiehed irid jara u jezamina l-procedura gudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` taghha*. " (Ara wkoll ad.ezempju l-kaz **Van Mechelen and Others v. The Netherlands**, dec. 23 April 1997 – para. 50).

Illi l-Avukat Generali eccepixxa l-intempestivita' tal-proceduri odjerni permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu billi l-kaz pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ghadu mhuwiex deciz. Ghalhekk jghid li biex tinsab lezjoni skont l-artikoli ccitati, jehtieg li l-process gudizzjarju jigi ezaminat fil-kumpless totali tieghu. Kwindi talab li din il-Qorti ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali u konvenzjonali taghha. L-intempestivita' ta' din l-azzjoni hija wkoll sollevata mill-intimat Dr. Anton Refalo fir-raba' paragrafu tar-risposta tieghu.

Illi qabel xejn jigi senjalat li skont il-Kostituzzjoni kif ukoll skont il-Konvenzjoni Ewropea kif addottata fl-ordinament

---

[2]*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), this right to a 'fair hearing' has an open-ended, residual quality. It provides an opportunity both for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a 'fair hearing' and for deciding whether a 'fair hearing' has occurred on the particular facts of a given case* <u>*when the proceedings are looked at as a whole.*</u> *In criminal cases, it has to be read together with the specific guarantees in Articles 6(2) and (3). Whereas the latter are subsumed within the former, the general guarantee of a fair hearing in Article 6(1) has elements that supplement those specified in Articles 6(2) and (3)." : Harris D.J., O'Boyle M. & Warbrick C., Law of the European Convention on Human Rights Butterworths (London), 1995, p. 202, sottolinear ta' din il-Qorti. Hekk ukoll, Alastair Mowbray, fil-ktieb tieghu Cases and Materials on the European Convention on Human Rights Butterworths (London), 2001 jghid hekk: "When determining if there has been a breach of the right to a fair hearing the court makes an evaluation of the fairness of the entire domestic proceedings…This approach also enables the Court to consider whether defects in first instance proceedings have been rectified by subsequent appellate hearings…" p. 305.*

[3]Ara, ad ezempju, **Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali tar-Repubblika Qorti Kostituzzjonali, 18/8/1998** *: "Din il-Qorti hi tal-fehma illi meta jsir l-ezercizzju msemmi, m'hemmx dubbju li l-procedura kollha fil-kumpless taghha, fil-konfront tar-rikorrent, fid-diversi qrati u fid-diversi stadji, kienet gusta…" Kollezz. Vol. LXXXII.i.158, a pagna 225.*

guridiku taghna permezz tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kull persuna tista' tfittex harsien fejn id-drittijiet u l-libertajiet fondamentali tieghu/taghha mhux biss qed jigu miksura imma anke jekk *x'aktarx ser jigu miksura*.(**art.46(1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Illi **l-art.39(2) tal-Kostituzzjoni** jiddisponi li "*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**Ukoll fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi...."* (sottolinear ta' din il-Qorti.)

Illi izda, kontrarjament ghal dak sottomess mill-intimati, l-artikoli sucitati ma jimpedux lill-Qorti milli tinvestiga allegat ksur (attwali jew potenzjali) anke qabel ma jigu konkluzi l-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magstrati (Ghawdex).

Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** , fil-ktieb "*Law of the European Convention on Human Rights*"[4] "*A number of specific rights have been added to Article 6(1)*

[4] 3rd Ed. p 409

*through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were ' equality of arms' and the right to a hearing in one's presence. A breach of such a specific right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing on a 'hearing as a whole' basis".*

Dan gie rikonoxxut u applikat mill-Qorti Ewropea, ad esempju, fil-kaz fl-ismijiet **Arrigo and Vella v Malta** [5]fejn gie ribadit li :

*"The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see R.D. v. Spain, no. 15921/89, Commission decision of 1 July 1991, Decisions and Reports (DR) 71, pp. 236, 243-244). The Court, noting that the criminal proceedings in question have not yet been completed, finds that the applicants' submissions do not disclose any such circumstances (see Putz v. Austria, no. 18892/91, Commission decision of 3 December 1993, DR 76-A, pp. 51, 64).*

---

[5] 10 ta' Mejju 2005 - ECtHR - "FOURTH SECTION DECISION AS TO THE ADMISSIBILITY OF Application no. 6569/04by Noel ARRIGO and Patrick VELLA against Malta."

Illifil-kaz **Dimech v Malta**[6] **deciz fit-2 ta' April 2015,** fejn il-Qorti Ewropea tenniet :

"*1. The Court notes that according to its constant case-law the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, that is, once they have been concluded. However, the Convention organs have also held that it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see, inter alia, X. v. Norway*, Commission decision of 4 July 1978, Decisions and Reports (DR) *14, p. 228; Bricmont v. Belgium, 7 July 1989, Series A no. 158; Papadopoulos v. Greece, (dec.), no. 52848/99, 29 November 2001; Arrigo and Vella v. Malta (dec.), no. 6569/04, 10 May 2005 and Pace v. Malta (dec.), no. 30651/03, 8 December 2005). At the same time, the Convention organs have also consistently held that such an issue can only be determined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been so significant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of the proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case (see, inter alia, X v. Switzerland, no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982, DR 28, p. 127; B v. Belgium, Commission*

[6] *Application no. 34373/13.*

*decision of 3 October 1990, DR 66, p. 105; Cervero Carillo v. Spain, (dec.), no. 55788/00, 17 May 2001; Mitterrand v. France (dec.) no. 39344/04, 7 November 2006 and more recently, De Villepin v. France (dec.), no. 63249/09, 21 September 2010)."*

Hekk ukoll ad ezempju fil-kazaktar recenti fl-ismijiet **Federation of Estate Agents v Direttur Generali(Kompetizzjoni) -** QK 3/05/2016, il-Qorti Kostituzzjonali sabet li kienu jezistu tali cirkostanzi. Il-fatt li kien hemm gja sentenza ta' Qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali kien ifisser li ma kienx ghaqli "*illi jitkompla l-proċess quddiem id-Direttur meta hemm sentenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tgħid illi dak il-proċess huwa bi ksur ta' jeddijiet fondamentali u dik is-sentenza għalkemm għadha mhix finali tkun tħassret mhux għal raġunijiet ta' merituiżda minħabba punt proċedurali."*

Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-Qorti hija jekk fil-kaz odjern, jezistu cirkostanzi tali li jimmeritaw konsiderazzjoni minnkejja li l-proceduri kienu ghadhom kemm jitwieldu.

Ikkonsidrat li t-talba ghar-rikuza ta' gudikant ghandha issir *in limine litis* sakemm ir-raguni ghar-rikuza ma tkunx inqalghet wara (**art. 739 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**). Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija mizghuda b'ezempji fejn il-Qrati kellhom jikkonsidraw ic-cahda ta' talba ghar-rikuza fi stadju bikri tal-proceduri f'sede kostituzzjonali fil-kuntest tad-dritt ghas-smigh xieraq (ara ad. ez. **Lawrence Grech et v Avukat Generali et - Q.K. 7.03.2017; Vella and Arrigo v Malta** fuq citat; **L-On.Imhallef Dottor Anton**

**Depasquale v Avukat Generali - Q.K. 5.10.2001 -** pendenti l-istadju tal-Appell; **L-Imh. Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v L-On.Prim Ministru et** - QK 27/01/2014; u **l-E.T.Rev. Mons.Arcisqof Giuseppe Mercieca pro. et. noe v l-On.Prim Ministru noe et** -QK - 27.9.1984).

Illi mhuwiex ikkontestat li ghadhom lanqas bdew jitressqu l-provi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) billi t-talba ghar-rikuza tqajmet fl-ewwel sedutafo stadju meta, addirittura, l-intimat Dr. Refalo kien lanqas gie notifikat. Madanakollu, fil-fehma ta' din il-Qorti c-cirkostanzi partikolari tal-kaz jimmeritaw li din il-Qorti tkompli tisma' l-kaz proprju ghaliex ir-rikorrent qed jsostni li l-allegat dell politiku percepit fir-rigward tal-Magistrat sedenti jxejjen ghal kollox u aprijoristikament kull garanzija ta' imparzjalita' fis-smigh tal-kaz tieghu. L-imparzjalita' ta' gudikant huwa aspett kritiku tas-saltna tad-dritt (*rule of law)* u jekk tirrizulta manifest f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, huwa evidenti li l-proceduri m'ghandhomx jitkomplu quddiem l-istess gudikant.

Huwa minnu li ma hemmx izjed rabtiet politici bejn il-gudikant u partit politiku izda r-rikorrent jitkellem dwar il-prossimita' fiz-zmien bejn il-kandidatura u l-hatra tal-gudikant, u dwar il-prossimita' fit-twemmin li tohloq, dejjem skont ir-rikorrent, ness bejn il-gudikant min-naha u wiehed mill-kontendenti, minn naha l-ohra. Dawn huma l-fatturi ewlenija li jaghtu lok ghall-parzjalita' percepita skont ir-rikorrent fil-kuntest ta' kontestazzjoni li hu jikkwalifika bhala wahda li ghandha dimensjoni essenzjalment politika.

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tichad l-eccezzjoni tal-intempestivita' billi l-kwistjoni tal-imparzjalita' tat-tribunal ghandha tigi rizolta *in limine* u mhux posposta, altrimenti l-proceduri kollha jinzammu taht l-ombra tad-dubbju.

Ghaldastant tichad din l-eccezzjoni.

**Fil-mertu**

Illi huwa principju assodat li *"Is-sistema Maltija hija fondata fuq il-premessa li 'il giudice non si presume ne' parziale ne'corrotto".(***Farrugia Sacco v Prim Minstru sucitat).**

Hu dmir ta' gudikant li jiddeciedi kawza u mhux xi vantagg jew privilegg; jekk ikun hemm vantagg jew privilegg, dan hu li jirrendi l-gudikant parti fil-kawza. La huwa mhux ser jirbah u mhux ser jitlef billi jkun jew ma jkunx jaghmel parti minn tribunal, m'ghandu ebda interess personali jekk ikomplix jisma' l-kawza jew jastjeni ruhu.

**L-Artikolu 734 tal-Kap 12 ma jeskludix ragunijiet ohra ghar-rikuza/astensjoni ta' gudikant**

Illi l-Qorti tagħraf li tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża m'humiex biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi[7] u, f'każijiet eċċezzjonali, jista' ikun hemm raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa ghal tali astensjoni jew rikuża[8]. L-

[7] Referenza ghall-Art 734 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

[8] Ara, per eżempju, Kost. **18.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ċiappara) vs Joseph Lebrun***

istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali[9] u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja[10]. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali[11].

Illi hekk kif gie stabbilit mill-Qrati taghna li:

"*Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok ghal rikuza - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonalita' tal-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja."* (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali **Sant vsKummissarju tal-Pulizija** 2/4/90; **Cachia vs Onor.Prim Ministru et** 10/10/91; **Bugeja et vs Onor.Prim Ministru noeet** 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) **Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et** 1/11/96)..

*"….Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skont il-ligijiet ta' procedura. Il-parametri ta' dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxu s-smigh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fid-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza*

---

[9]P.A. GV **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gambina vs Fithome Ltd***

[10]Kost. **27.9.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca pro et noe vs L-Onor. Prim Ministru noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.i.40**)

[11]P.A. (Kost.) VDG **6.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)

*tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropea."* (**Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et** -17 ta' Lulju 1996 (Kost)).

**Tribunal jew Qorti Imparzjali**

Sabiex jigi determinat jekk id-dritt ghas-smigh xieraq gie lez, jew x'aktarx jista' jigi lez "*Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jinghad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-gudikant li jirrendi l-operat tieghu soggettivament jew oggettivament parzjali. L-aforisma "justice must not only be done but must be seen to be done" trid tigi valutata fl-isfond tal-kaz partikolari."* [PA (Sede Kostituzzjonali) **Ghirxi vs Onor.Prim Ministru et** 1/11/96; ara wkoll E. T. **Rev.Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim Ministru noe** et 22/10/1984 Kost.).

L-awturi **Van Dijk Van Hoof u Van Rijn** fil-ktieb "*Theory and Practice of the European Convention onHuman Rights*" (4th ed) isostnu wkoll[12]:

*"The adjectives 'independent' and 'impartial' are the expression of two different concepts. The notion of 'independence' refers to the lack of any connection between the tribunal and other parts of government, whereas the 'impartiality must exist in relation to the parties to the suit and the case at issue. However, the Court has not always drawn a clear borderline between the two concepts, and often considers both concepts together."*

L-istess awturi ikomplu:

[12]P.613

*"For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular feeling, or by any pressure whatsoever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial."*

**Imparzjalita' Soggettiva jew Oggettiva**

Il-Qorti Ewropea fis-sentenza **"Hauschildt vs Denmark"**(1989) fissret ir-rekwiziti hekk:

*"46. The existence of impartiality for the purposes of Article 6 para. 1 (art. 6-1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see, amongst other authorities, the* ***De Cubber*** *judgment of 26 October 1984, Series A no. 86, pp. 13-14, para. 24).*

*47. As to the subjective test, the applicant has not alleged, either before the Commission or before the Court, that the judges concerned acted with personal bias. In any event, the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary and in the present case there is no such proof.*

*There thus remains the application of the objective test.*

*48. Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances may be of a certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see, mutatis mutandis, the* ***De Cubber*** *judgment previously cited, Series A no. 86, p. 14, para. 26).*

*This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge lacks impartiality, the standpoint of the accused is important but not decisive (see the Piersack judgment of 1 October 1982, Series A no. 53, p. 16, para. 31). What is decisive is whether this fear can be held objectively justified."*

Inoltre, kif fuq premess, "*Personal impartiality is to be presumed until there is proof to the contrary*." **(Le Compte, Van Leuven and De Meyere v Belgium (1983).**

Illi l-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Kyprianou v Cyprus**[13] **kompliet tfisser dawn l-elementi:**

**"***2. An analysis of the Court's case-law discloses two possible situations in which the question of a lack of judicial impartiality arises. The first is functional in nature: where*

[13] 15/12/2005 Application no. 73797/01..

*the judge's personal conduct is not at all impugned, but where, for instance, the exercise of different functions within the judicial process by the same person (see Piersack, cited above), or hierarchical or other links with another actor in the proceedings (see court martial cases, for example,* ***Grieves,*** *cited above, and* ***Miller and Others v. the United Kingdom,*** *nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004), objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, which thus fails to meet the Convention standard under the objective test (see paragraph 118 above). The second is of a personal character and derives from the conduct of the judges in a given case. In terms of the objective test, such conduct may be sufficient to ground legitimate and objectively justified apprehensions as in* ***Buscemi****, cited above, but it may also be of such a nature as to raise an issue under the subjective test (see, for example,* ***Lavents****, cited above) and even disclose personal bias. In this context, therefore, whether a case falls to be dealt with under one test or the other, or both, will depend on the particular facts of the contested conduct."*

Il-Qorti Ewropea (GC) fil-kaz **Micallef v Malta**[14] kompliet tapprofondixxi t-testijiet ta' soggettivita' u oggettivita**:**

**"**3. *As to the subjective test, the principle that a tribunal shall be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see, for example,* ***Kyprianou v. Cyprus*** *[GC], no. 73797/01, § 119, ECHR 2005-XIII). The Court has held*

[14] 15/10/2009 *(Application no. 17056/06)*

*that the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Wettstein, cited above, § 43). As regards the type of proof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons* (see *De Cubberv. Belgium*, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).

*4. In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test. However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see* ***Pullar v. the United Kingdom****, 10 June 1996, § 32, Reports 1996-III).*

*5. As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this*

*fear can be held to be objectively justified (see* ***Wettstein,*** *cited above, § 44, and* ***Ferrantelli and Santangelo v. Italy****, 7 August 1996, § 58, Reports 1996-III).*

*6. The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other actors in the proceedings (see court martial cases, for example,* ***Miller and Others v. the United Kingdom,*** *nos. 45825/99, 45826/99 and 45827/99, 26 October 2004; see also cases regarding the dual role of a judge, for example,* ***Mežnarić v. Croatia,*** *no. 71615/01, 15 July 2005, § 36, and* ***Wettstein,*** *cited above, § 47, where the lawyer representing the applicant's opponents subsequently judged the applicant in a single set of proceedings and overlapping proceedings respectively) which objectively justify misgivings as to the impartiality of the tribunal, and thus fail to meet the Convention standard under the objective test (see* ***Kyprianou,*** *cited above, § 121). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*7. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see* ***Castillo Algar v. Spain****, 28 October 1998,*

*§ 45, Reports 1998-VIII)."(Ara f'dan l-istes sens* **Hauschildt vs Denmark"**(1989) citat *supra).*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, ikkonsidrat li r-rikorrent qed jilmenta li hemm parzjalita' soggettiva u oggettiva da parti tal-Magistrat sedenti u jiccita diversi fatti in sostenn tat-tezi tieghu senjatament**:**

i) Il-fatt li l-Magistrat kienet attiva fl-istess partit politiku tal-konvenut u sahansitra kandidata fl-istess partit fl-elezzjoni generali li pprecediet biss bi ftit xhur il-hatra taghha bhala gudikant;

ii) li indirizzat Konferenza Generali tal-Partit Laburista fejn pubblikament iddikjarat li verament temmen dak li ha tghid: *"Viva l-Labour."*

iii) li ghaddiet kumment ta' xejra politika meta r-rikorrent talab ir-rikuza taghha fejn irriferiet ghall-Magistrat iehor sedenti f'Ghawdex li kien ex-kandidat fi hdan il-Partit Nazzjonalista minkejja li dan sehh bosta snin qabel (aktar minn 25 sena).

Illi l-espressjoni ta' twemmin jew konvinzjoni politika <u>qabel</u> ma persuna tinhatar bhala gudikant fiha innifisha m'ghandhiex issarraf f'sejbien ta' pregudizzju da parti tal-istess gudikant jekk wiehed jew aktar mill-partijiet li jidhru fil-kawza huma ta' twemmin politiku differenti. Ir-rikorrent jargumenta li bhala kandidata, iktar minn espressjoni, il-Magistrat uriet konvinzjoni politika shiha u konformita' mal-linja politika tal-partit li kienet timmilita fiha. Hekk esprimiet

il-konvinzjoni u fiducja taghha assoluta fil-Partit meta qalet "*Viva l-Labour."*

Illi r-rikorrent jirreferi ghall-kumment tal-Qorti li gie ivverbalizzat testwalment:

"*Il-Qorti staqsiet lil Dr Jazon Azzopardi li kieku din il-kawza giet assenjata quddiem il-Magistrat Paul Coppini li kien kandidat tal-Partit Nazzjonalista qabel ma kien magistrat u kinitx ser issir l-istess talba, jirrispondi li le"* u jissottometti li ippruvat tqabbel il-kandidatura taghha fl-ezzjoni generali tal-2013 ma’ dik tal-Magistrat Dr Paul Coppini fl-elezzjoni generali tal-1987 li ilu magistrat u maqtugh mill-politika minn qabel il-hatra tieghu.

Illi kif gja premess galadarba persuna tigi mahtura bhala gudikant dik il-persuna hija prezunta li hija imparzjali. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova ta' pregiudizzju attwali lejh fil-Magistrat ghajr ghall-kumment u ghall-konvinzjoni politika taghha. Ir-rwol taghha bhala kandidata politika kien antecedenti ghall-hatra u l-kontendenti kienu unanimi li l-Magistrat ma zammet l-ebda rabta mal-Partit Politiku taghha wara l-hatra.

Illi din il-Qorti temmen li kull gudikant ghandu iwiegeb ghall-*istandards* gholjin ghalkemm kull gudikant huwa uman. Madanakollu kulhadd ghandu jifhem li malli gudikant jiehu l-guramenti tal-ufficju tieghu/taghha, jinqata' mill-ambjent ta' politika u ta’ partiggjanizmu politiku kif jinqata' mill-isfera tad-dibattitu pubbliku. Malli gudikant jiehu l-guramenti tal-hatra, l-opinjonijiet u twemmin tieghu/taghha jigu

ridimensjonati u jidhlu fl-isfera ta' opinjoni jew twemmin prettament privat u personali. Dejjem jibqa' fid-dmir li jiggudika skont il-ligi u l-fatti.

Inoltre ghalkemm jitkellem dwar konnessjoni jew kollegjalita' personali bejn kandidati tal-istess distrett fl-istess partit (il-Magistrat u l-Ministru Dr Anton Refalo) ir-rikorrent ma gab l-ebda prova li hemm tali pregudizzju soggettiv jew *bias* kontrih. Anzi l-Magistrat stess enfasizzat li dejjem qdiet onestement u fedelment dak rikjest mill-guramenti taghha "*u li zgur mhix ser tagixxi bi ksur tal-istess gurament f'dan il-kaz partikolari u fl-ebda kaz iehor quddiemha."* Din l-istqarrija ma inghatatx piz mir-rikorrent izda fil-fehma ta' din il-Qorti kellha sservi bhala garanzija ta' imparzjalita' fl-assenza ta' provi konkreti ta' bias favur l-intimat Dr. Anton Refalo.

**Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx li l-parzjalita' soggettiva giet ippruvata.**

Illi jsegwi li l-kwistjoni kollha tirrisolvi ruhha fl-apparenza ta' imparzjalita' li hija mehtiega sabiex jigi zgurat smigh xieraq (*justice must not only be done but must also be seen to be done)* ossia imparzjalita' oggettiva. Għalkemm dak li tħoss jew taħseb jew tibża’ parti f’kawża dwar il-parzjalità jew imparzjalità tal-ġudikant huwa wkoll relevanti għall-għanijiet tal-ligi, ma huwiex il-kriterju determinanti: li hu determinanti hu jekk dak il-biża’ jew dik il-perċezzjoni huwiex imsejjes fuq konsiderazzjonijiet oġġettivi hekk li persuna raġonevoli u mingħajr preġudizzji tagħha tasal biex hi wkoll ikollha dubji dwar l-imparzjalità tal-ġudikant.

Fuq dan il-punt, kif gja osservat, ir-rikorrent iccita konfluwenza ta' fatti li huma gja elenkati ampjament f'din is-sentenza. Il-qofol tal-kwistjoni hija jekk gudikant li qabel il-hatra tieghu/taghha, kien jimmilita f'partit politiku bhala kandidat ghandu jigi fdat b'kawzi li jkollhom xejra jew dimensjoni politika, jew fil-kuntest tal-mertu trattat, jew b'riferenza ghall-partijiet fil-kawza.

Illi din il-Qorti mhix daqstant konvinta li l-mertu tal-kawza quddiem il-Magistrat Vella Cuschieri hija wahda li "*hadet dimensjoni politika".* Forsi dan hu lampanti ghall-persuni li jghixu bin-nifs politiku izda ghall-Qorti, il-kaz li ghandu jigi deciz hu wiehed ta' libell semplici li jirrikjedi l-apprezzament ta' elementi guridici ben stabbiliti. Kazijiet ta' libell jiffjorixxu f'pajjizna u l-bosta jmissu ma' xi aspett politiku jew iehor. Id-dimensjoni politika f'dan il-kaz partikolari, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma tirrigwardax il-mertu imma pjuttost il-fatt li iz-zewg partijiet jigu min-nahat opposti tal-*political spectrum* u l-kandidatura fil-passat vicin tal-magistrat sedenti.

Illi dwar l-apparenza ta' parzjalita', il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet **Lawrence Grech et v L-Avukat Ġenerali et (7/03/2017)**irribadiet:

*"13. L-apparenzi wkoll jistgħu jkunu konsiderazzjonijiet oġġettivi li joħolqu dubji. Ukoll jekk ma hemmx rabtiet ġerarkiċi bejn ġudikant u parti fil-kawża, jekk l-apparenzi huma hekk li persuna raġonevoli tista' wkoll mingħajr wisq tiġbid jagħtu x'taħseb li hemm dawk ir-rabtiet, id-dubju ta'*

*dik il-persuna dwar l-imparzjalità tal-ġudikant jista' jkun dubju oġġettivament ġustifikat.*

*14. Fejn jeżistu dubji bħal dan, ikun fl-interess mhux biss tal-parti li oġġettivament tara raġunijiet ta' parzjalità kontriha li l-ġudikant ma jkomplix jisma' l-każ; ikun ukoll fl-interess tal-parti l-oħra għaliex il-ġudikant jista', biex jegħleb kull dubju dwar l-imparzjalità tiegħu ixaqleb, imqar inkonxjament favur l-parti l-oħra."*

*17.Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, ma hijiex irraġonevoli l-perċezzjoni li hemm rabta tali bejn l-Arċdjoċesi u l-assoċjazzjoni li tagħha l-imħallef huwa president li tista' tolqot ħażin id-dehra ta' imparzjalità oġġettiva ta' min għandu rwol fit-tmexxija ta' dik l-assoċjazzjoni. Id-dubju ma huwiex wieħed li ma jitqiesx oġġettivament ġustifikat, ukoll jekk dak id-dubju ma jolqotx l-imparzjalità soġġettiva tal-imħallef."*

F'dik il-kawza ir-rabtiet bejn il-gudikant u l-Arcdjocesi kienu baqghu vigenti kontrarjament ghall-kaz odjern.

Illi r-rikorrent isemmi l-fattur taz-zmien billi kien hemm ftit wisq zmien bejn l-partecipazzjoni attiva tal-Magistrat fil-hajja politika u l-elevazzjoni taghha. Dan hu fatt. Izda ghalkemm huwa prudenti li wiehed ihalli aktar zmien jghaddi, dan fih innifsu ma jnehhi xejn mis-solennita' tal-hatra u tal-gurament li jiehu gudikant.

Illi dwar dan ir-rikorrent irribatta li l-gurament fih innifsu ma jservix biex jghatti l-apparenza ta' parzjalita'. Dan hu minnu

imma fil-fehma ta' din il-Qorti, jenhtieg li ikun hemm fatturi ohra oltre iz-zmien sabiex twarrab l-imparzjalita' prezunta tal-gudikant.

*"There is no reason to doubt in particular that a judge would regard his oath on taking judicial office as taking precedence over any other social commitments or obligations."* (**Salaman v the United Kingdom ECtHR -** 15/06/2009).[15]

Illi dan kollu premess il-Qorti jidhrilha li ma saret l-ebda prova skont il-kejl oggettiv li l-Magistrat bil-kondotta taghha tat xi hjiel li tinnutra xi pregudizzju reali u attwali kontra r-rikorrent jew li ghandu jqum dubbju legittimu ta' tali pregudizzju. Il-fatt wahdu li kienet kandidata politika qabel il-hatra, minghajr fatturi ohra pregudizzjevoli konkomitanti u sussegwenti ghall-hatra ma joholqux tali dubbju sal-grad rikjest mill-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati. Jezistu bizzejjed garanziji kemm fil-hatra ta' gudikant, fl-iskrutinju tal-kondotta tal-istess fil-qadi ta' dmirijietu/ha u anke mir-regoli procedurali nostrali, ordinarji u fondamentali, biex jizguraw li l-process jitkompla b'mod xieraq.

Illi ghal dawn il-motivi ma ssibx li l-ewwel talba hija misthoqqa u ghandha tigi michuda. Isegwi li t-talbiet rimanenti ghandhom ukoll jigu michuda in kwantu huma dipendenti fuq l-akkoljiment tal-ewwel talba.

[15] Application no. 43505/98

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi, fil-waqt li tichad l-eccezzjoni tal-intempestivita', tilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti tal-intimati u tichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati guridikament.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**4 ta' Lulju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**4 ta' Lulju 2017**